**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum it-Tnejn 9 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(SpetturTrevor Micallef)**

**vs**

**Antoine Chiappa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Antoine Chiappa**, iben Emanuel u Pauline nee` Buhagiar, imwieled Pieta` nhar l-14 ta` Awissu 1979, residenti 1, Palm Dove, Vjal il-Hamsa u Ghoxrin ta` Novembru, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 369579(M)

U nakkuzah talli f`dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta` Awissu 2019 ghall-habta tas-siegha u kwart ta` filghodu (01: 15a.m) fi Vjal il-Hamsa u Ghoxrin ta` Novembru, Zejtun u/jew fil-vicinanzi:

1. Ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Marija Grech. (Art.221(1), 222(a) Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Marija Grech. (Art. 339 (e) Kapitolu 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet mitluba illi f`kaz ta’ htija tipprovdi ghall-garanzija ta` Marija Grech skond artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta u protezzjoni ta’ Marija Grech kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leza jew ta’ individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

L-imputat irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fl-ewwel seduta mizmuma quddiem din il-Qorti f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu hija ta' tlett (3) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jerga' jikkonsulta mal-avukat tieghu sabiex jara jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellhux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, l-imputat wiegbet fl-affirmattiv u kkonferma ukoll l-ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Sarah Mizzi u rat ir-rapport taghha dwar l-idoneata tal-imputat li jwettaq ordni ta’ servizz fil-kommunita minghajr hlas.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera u skond l-Ufficjal Prosekutur dan kien l-ewwel rapport li ghamlet fuqu l-*parte civile,* l-ex partner tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-imputat irregistrat ammissjoni fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri.

In oltre, l-fedina penali tieghu ghalkemm mhix wahda netta, lanqas hi wahda allarmanti. Hu ghandu zewg kundanni dwar reati ta' ksur tal-ligijiet tal-kacca, u kundanna talli insulta bi kliem zewg persuni.

Il-*parte civile* qalet ukoll li hija ma hix *"after the pound of flesh"* u li ma riditx li jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat mill-bidu nett.

In oltre, l-ferita ikkagunata lill-*parte civile* hija wahda ta' natura hafifa.

L-imputat irrikonoxxa mill-ewwel l-izball tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva jew sospiza mhix wahda idonea fil-kaz odjern, pero hu aktar opportun li l-imputat iwettaq ordni ta' xoghol ta' servizz fil-kommunita bla hlas, biex jikkumpensa lis-socjeta ghall-izball li ghamel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 221(1), 222(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita, billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mija u hamsa u sebghin (175) siegha, f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u

bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta’ l-ordni u li jekk hu jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, hu jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Marija Grech, qieghda torbot lill-hati li ghal zmien sena (1) mil-lum, bl-ebda mod ma jikkuntattja jew jimmollestja lil Marija Grech, u dan b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ elfejn Euro (€2000.00).

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li l-atti ta’ din il-kawza flimkien ma’ kopja ta’ din is-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali, fi zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**